**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 25(2)(a), 9(4) tal-Avviz Legali 146/93**
**Artikoli 19 u 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Artikoli 338(m), 338(bb), 338(dd), 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D
## Dip. Eccl. Trib. Rel. Studies

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**ALFRED CARUANA**

**Seduta tal-llum, 20 ta' Gunju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ALFRED CARUANA** ta' stnejn u tletin sena, bin Joseph u Sebastiana nee Farrugia imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Gunju, 1970 u joqghod Flat 5, Entrance C, Triq il-Villa tal-Armiral, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 2411704M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' Gunju, 2002 fi Triq z-Zewg Mini, l-Isla, ghall-habta tal-hamsa w ghaxra ta' filghodu spara arma tan-nar u cioe senter tal-ghamla Breda automatic, f'post abitat u pubbliku, ghaldaqstant mhux 'l barra minn mitejn metru mill-abitat.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f'idejh jew fuqu arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif wkoll zamm u garr arma tan-nar regolari kif wkoll munizzjoni u arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju kif wkoll qalli qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded w insulenta lil membri tal-familja Casha partikolarment lil Renald Cassar.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 25(2)(a), 9(4) tal-Avviz Legali numru 146/1993, l-artikolu 19 u 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 338(m), 338(bb), 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe lil Ispettur David Saliba jixhed fis-seduta tat-tlettax ta' Gunju, 2002.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuzi kollha addebitati lilu kif registrata fl-atti tas-seduta tat-tlettax ta' Gunju, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tat konsiderazzjoni qawwija lix-xhieda li semghet tal-Ispettur David Saliba qabel ma ghaddiet biex taghti s-sentenza.

Jirrizulta li l-Ispettur David Saliba gie nfurmat dwar l-isparatura li sehhet fi Triq z-Zewg Mini l-Kalkara, fis-sighat bikrin tad-disgha ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu. Illi minnufih nizel Bormla l-Ghassa u hemmhekk sab lis-Sindku tal-Kalkara, Joseph Cassar flimkien ma ibnu Renald. Joseph Cassar qallu li ma kien ra xejn, ghalkemm sema hafna ghajjat u sparaturi ta' zewg tiri aktarx ta' senter fit-triq fejn joqghod. L-Ispettur David Saliba tkellem wkoll ma Renald Cassar u qallu li lejliet huwa kien mar Paceville u

kien fil-kumpanija ta' mart, legalment separata tal-imputat, certa Tonia Caruana. Meta huwa telaq mill-istabbilment fil-kumpanija taghha, l-imputat kien ghadu hemmhekk.

Renald Cassar zied jghid lil Ufficjal tal-Pulizija l-Ispettur David Saliba li ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu l-imputat mar ghandu u beda jghajjru u jinsulentah u telaq minn fuq il-post bl-ghajnuna tal-familjari tal-istess Tonia Caruana. Huwa dahal go daru u ftit wara semgha zewg tiri ta' senter fil-vicinanzi pero minhabba l-incident li sehh ftit qabel, huwa ma harigx barra mid-dar u ghalhekk ma kien ra xejn.

L-Ispettur David Saliba kompla jinvestiga l-kaz u tkellem mal-girien ta' Cassar li qalulu li kien l-imputat li spara zewg tiri minn tarf t-triq w immira fl-ajru. Huwa kkonferma din x-xhieda billi flimkien mal-espert ballistiku nominat fl-inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti, huwa iccekkja l-ekwati w l-bini biex jara setghax isib xi hgieg miksur jew tigrif kagjonat permezz ta' sparatura. Dan pero ma rrizultax. Fuq il-post instabu zewg skratac u hdejn wiehed minnhom instabet takka ta' skartocc u ftit 'l boghod instabet ohra. Skond ma spjiega l-Ispettur

David Saliba, liema xhieda ma hiex opposta mid-Difiza, il-posizzjoni ta' kif nstabu dawn l-iskratac fil-fehma tal-espert ballistiku, z-zewg sparaturi saru b'senter f'angolu ta' 90 degrees u 80 degrees rispettivament. Wara l-Ispettur David Saliba beda bi tfittxija intensiva ghall-imputat u ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija tal-istess jum, irnexxilu jkollu kuntatt mal-imputat permezz tat-telefon w ipprova jipperswadih jaghti ruhu b'idejh lil Pulizija Ezekuttiva. Illi wara xi hin permezz tal-intervent tal-Ispettur David Saliba, l-imputat gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

L-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar stess tad-disgha ta' Gunju, 2002, liema stqarrija giet rilaxxjata wara li l-imputat inghata s-solita twissija li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument DS 2.

Illi minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-informazzjoni li kien gabar l-Ufficjal Prosekutur qabel ma kien arrestat l-imputat, kienet kollha veritiera. L-imputat ammetta li kellu xi jghid ma Renald Cassar u li kien hu li spara zewg tiri fl-ajru ghaliex hassu mugugh meta ra lil mara li kellu fil-kumpanija ta' Renald Cassar. L-imputat

kien car fl-istatement li rrilaxxja fis-sens li qal li huwa spara fl-ajru meta ma kien hemm hadd fit-triq.

L-Ufficjal tal-Pulizija rnexxilu wkoll, bil-ko-operazzjoni tal-imputat, jottjeni s-senter li spara bih l-imputat u dan gie esibit fl-atti u gie mmarkat bhala dokument DS.

Illi l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni legali tieghu fuq il-piena irrimetta ruhu ghaliex stqarr li l-imputat ikkopera mieghu bis-shih tul l-investigazzjoni kollha u ghen sabiex dan il-kaz jigi solvut fi zmien qasir minghajr ebda ostakolu.

L-Avukat Difensur minn naha tieghu sostna li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw konsiderazzjoni sabiex ikun hemm riduzzjoni fil-piena.

Fl-ewwel lok d-Difiza sostniet li l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghandha twassal ghal tnaqqis fil-piena. Huwa fil-fatt ghamel referenza ghal zewg sentenzi moghtija mill-Qrati lokali, wahda nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1997 mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet

Repubblika ta' Malta v Nicholas Azzopardi u ohra moghtija nhar t-tnax ta' Dicembru, 1997 minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Il-Pulziija v Stephen Zammit. F'dawn iz-zewg sentenzi l-Qrati nostrana kienu iddecidew li bhala regola l-ammissjoni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena f'kaz li l-ammissjoni tkun effettivament ghenet biex l-kaz jigi deciz kemm jista jkun malajr u minghajr spejjes involuti ghall-errarju pubbliku.

Il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-fatt li mhux f'kull kaz ta' ammissjoni l-Qorti ghandha taghti riduzzjoni fil-piena. Huwa impossibli li jigu elenkati c-cirkostanzi kollha fejn tali tnaqqis fil-piena jkun jew ma jkunx indikat u dan ghaliex kull kaz ghandu l-fatti specie partikolari tieghu. Din hi haga li tithalla fid-<u>deskrizzjoni assoluta tal-Qorti,</u> ghaliex per ezempju f'kazijiet ta' ammissjoni fi stadju iehor tal-proceduri u cioe fi stadju tard hafna, ghandha tigi meqjusa bhala cirkostanza li timmerita kontra l-ghoti ta' riduzzjoni fil-piena.

Il-Qorti trid tibghat messagg lis-socjeta li aktar ma akkuzat jammetti fi stadju bikri tal-proceduri, iktar hemm favur tieghu b'mod

posittiv ir-riduzzjoni fil-piena, sakemm ma jkunx hemm cirkostanza ohra li b'mod lampanti ma jhallux lil akkuzat jikkwalifika ghal tnaqqis fil-piena. Fi ftit kliem, din il-Qorti bhala regola thares favorevolment lejn l-fatt li akkuzat ammetta l-akkuzi fi stadju ragjonevolment kmieni tal-proceduri u ma joqghodx jahli z-zmien tal-Qorti u ta' haddiehor qabel inutilment.

Il-Qorti semghet wkoll lid-Difiza tghid li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tant li sahansitra kien hu li ipprovda l-arma li spara biha u li in effetti l-Pulziija sa dak il-hin ma kellhomx hjiel fejn setghet kienet.

Fit-tielet lok, d-Difiza accennat wkoll bhala kundizzjoni ohra li l-Qorti ghandha tqis favur mitigazzjoni fil-piena l-incident nniffsu li hadd ma weggha fih u li l-motiv tal-imputat ma kienx wiehed li jferi lil xi hadd, izda kienet biss reazzjoni impulsiva tieghu peress li hassu umiljat.

Huwa minnu li f'dan l-incident ma weggha hadd, pero xorta din il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod sever l-uzu ta' arma minghajr

licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija specjalment fl-abitat, u dan ghaliex l-arma hija strument li mhux biss hi kapaci tferi, izda sahansitra toqtol. Illi l-uzu tal-arma f'dan il-kaz, jinkwieta lil Qorti ghaliex l-incident in kwistjoni setgha kien hafna ghar.

Il-Qorti dwar dan semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid li l-familja Casha qatt ma kellha l-familja taghha mhedda fil-hin tal-isparatura u hu appuntu ghalhekk li l-Qorti ma hiex ser tapplika piena ta' prigunerija effettiva.

Wara li kkunsidrat c-cirkostanzi kollha tal-kaz qabel ma waslet biex tappika l-piena idoneja l-Qorti qiset s-segwenti bhala fatturi li jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena:

a. l-ammissjoni bikrija tal-imputat;
b. z-zmien u hin tal-incident;
c. l-ko-operazzjoni assulta tal-imputat;
d. il-fatt li hadd ma kien mhedded bil-persuna jew proprjeta tieghu;
e. l-fatt li ma giet kagjonata l-ebda hsara; w

f. r-ritorn tal-arma lil Pulizija Ezekuttiva minnufih wara l-incident .

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat ALFRED CARUANA ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tlett mitt lira maltin, pero oltre dan qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Din il-Qorti qed taghmel dan sabiex tali piena jkollha effett ta' mannara mdendla fuq ras l-imputat sabiex jekk jizbalja f'dan z-zmien massimu ta' erbgha snin, u cioe jikkommetti u jinstab hati ta' reat li ghandu piena ta' prigunerija, l-imputat jkollu wkoll jiskonta din l-istess sentenza.**

**Il-Qorti tordna wkoll l-konfiska tal-arma (senter Breda) esibita f'dawn l-atti bhala dokument DS mill-Ispettur David Saliba ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**